**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can ) Ph.D**

**Appell Nru: 450 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Liliana Borg**

<u>**Illum 20 ta' Lulju, 2023**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Liliana Borg detentrici tal-karta ta' l-identita K.I 514071(M) u residenti 191, Triq is-Saghtar, Mellieha, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. B'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru I-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn I-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat:

2. Fil-kwalita' tieghek ta' Direttur u/jew Segretarju, u/jew Manager u/jew Rapprezentant legali, tal- kumpannija E' Casa Ltd. (C-46573) ta' San Gwakkin Building, Triq is-Salib ta' I-lmriehel Birkirkara Malta, u/jew fil-

kwalita' tieghek ta' sid, Manager u/jew rapprezentanti u/jew il-persuna responsabbli min negozju bl-isem ta' E' Casa Ltd. (C-46573) u/jew bhala l-persuna li kont inkarigata sabiex thallas il-pagi dovuti:

Inqast li thallas Iil impjegat Massimo Rosa (K.I. 202755A) l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn is-7 ta' Awwissu, 2017 u 1-31 ta' Awwissu, 2017 ammontanti ghal €101.86; inqast ukoll li thallas il-Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall perjodu ta' bejn isa ta' Awwissu, 2017 u 1-31 ta' Awwissu, 2017 ammontanti ghal €77,94; inqast ukoll li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 ammontanti ghal €311.16; inqast ukall li thallas il-Paga skont il-Iigi fiI-Hdud u Festi Pubblici ghal perjodu ta' bejn 1-1 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 ammontanti ghal € 127.30; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2017 u l-31 ta' Ottubru tas-sena 2017 ammontanti ghal €402.81; inqast ukoll li thallas il-Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2017 u l-31 Ottubru, 2017 ammontanti ghal € 30.31; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' l-1 ta' Novembru, 2017 u t-30 ta' Novembru, 2017 ammontanti ghal €383.96; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Dicembru, 2017 u l-31 ta' Dicembru, 2017 ammontanti ghal €99.91; inqastukoil li thallas il-Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Dicembru, 2017 u l-31 ta' Dicembru, 2017 ammontanti ghal € 161,94; kif ukoll inqast li thallas "Overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2018 u l-31 ta' Jannar, 2018 ammontanti ghal € 414.21; inqast ukoll li thallas il-Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2018 u l-31 ta' Jannar, 2018 ammontanti ghal €36.16; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Frar, 2018 u t-28 ta' Frar, 2018 ammontanti ghal €71.96; inqast ukoll li thallas il-Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Frar, 2018 u t-28 ta' Frar, 2018 ammontanti ghal €122.60; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum

ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2018 u l-31 ta' Marzu, 2018 ammontanti ghal €226.87; inqast ukoll li thallas il-Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2018 u l-31 ta' Marzu, 2018 ammontanti ghal €338.69; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 tat April, 2018 u t-30 ta' April, 2018 ammontanti ghal €214.29; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Mejju, 2018 u l-31 ta' Mejju, 2018 ammontanti ghal €461.88; kif ukoll inqast li thallas Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Mejju, 2018 u 1-31 ta' Mejju 2018 ammontanti ghal €83.79; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Gunju, 2018 u t-30 ta' Gunju, 2018 ammontanti ghal €223.56; kif ukoll inqast li thallas Paga skont il-Iigi fil-Hdud u Festi Pubblici ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Gunju, 2018 u t-30 ta' Gunju, 2018 ammontanti ghal €81.14, kif ukoll inqast li thallas I-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2018 u l-31 ta' Lulju, 2018 ammontanti ghal €379,13; kif ukoll inqast li thallas il-Paga skont il-ligii fil-Hdud u Festi Pubbliti ghall perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2018 u l-31 ta' Lulju, 2018 ammontanti ghal €45.86; kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn l-1 tal Awwissu, 2018 u 1-31 tal Awwissu, 2018 ammontanti ghal €394.35; kif ukoll inqast li thallas Paga skont il-ligi fil-Hdud u Festi Pubbliti ghall-perjodu tal bejn l-1 ta' Settembru, 2018 u t-30 tal Settembru, 2018 ammontanti ghal €11.25, kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdurn ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2018 u 1-31 ta' Ottubru, 2018 ammontanti ghal €374.49, kif ukoll inqast li thallas l-overtime mahdum ghall-perjodu ta' bejn I-1 ta' Novembru, 2018 u t-30 ta' Novembru, 2018 ammontanti ghal €168.61 biex b' hekk is-somma globali dovuta hija dik ta' hamest elef tliet mija sitta u erbghin Ewro u tliet centesmi ( €5,346.03 ).

Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-imputat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru I-istess

disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn I-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu penali skont il-ligi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centesmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesmu kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45 (2) tal-Kap. 452 u cioe illi naqsu li jhallsu pagi, ghamlu tnaqqis illegali, naqsu li jhallsu xi bonus, zammew xi rimunerazzjoni jew xi pagament li ghandu jithallas minflok in-notice, naqsu li jaghtu vaganzi bi hlas, naqsu li jaghmlu xi pagament dovut lill-impjegata skont il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni iehor maghmul that il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; u ai termini tar-RegoIament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avvizi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Ligijiet tai Malta sabiex ihallsu l-penali ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sitt' in Ewro u sebgha u tmenin tentezmu ( €465.87 ), tordna lill-imputat sabiex ihallas lil Massimo Rosa ( K.I 202755A ) is-somma komplessiva tal hamest elef tliet mija sitta u erbghin Ewro u tliet centesmi ( €5,346.03 ) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-14 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti, **wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll; Artikoli 5, 22 (1), 22 (2), 23, 25, 45, 46, 47 (2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolamenti 8 (1), 8 (4), 8 (5) u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, hekk kif emendat mill-Avvizi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012; Regolament 3 tal-Avvizi Legali 112, ta' 1988 hekk kif emendata mill-Avviz Legali 211 ta' 1990, 181 ta' 1993, 273 ta' 1998, 55 ta' 1999 u 427 tal-2007 tal-Ligjiet ta' Malta; Regolamenti; 4 (2) u 6 tal-Avviz Legali 427 tal-2002, hekk kif emendat mill-Avvizi Legali 140 tal-2007, 240 tal-2008 u 117 tal-2010 tal-Ligjiet ta' Malta;**

Sabet lill-imputata hatja skont l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u kkundannatha, ghall-penali/multa ta' €500 (hames mitt ewro).

In oltre ordnatilha thallas lil Massimo Rosa, fi zmien xahar minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat, is-somma ta' €5,346.03 (hamest elef, tliett mija u sitta u erbghin ewro u tliett centezmi).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Liliana Borg minnha pprezentat fil-31 t' Ottubru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) thassar, tirrevoka u tannulla d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020 fl-atti tal-kawza odjerna fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Liliana Borg** li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma mill-appellanti u dan prevja l-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju hawn fuq espost;

(ii) f'kull kaz u minghajr pregudizzju, tilqa' t-tieni u tielet aggravji imqajma mill-appellanti f' dan ir-rikors ta' l-appell ossija tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 47 (1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara illi l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-appellanti hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 47 (1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu tirreferi ghal kull ammont relattiv ghal perjodu ta' aktar minn sena qabel in-notifika bil-kawza lill-appellanti ossija ghal perjodu sat-18 ta' Novembru, 2018;

(iii) f'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju, tilqa' r-raba' aggravju u b' hekk thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija fil-konfront taghha fl-ismijiet

**Il-Pulizija v. Liliana Borg**, deciza fl-14 ta' Ottubru, 2022, u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat Illi l-aggravji ta' l-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, id-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija nieqsa mill-formalitaijiet ta' sentenza u ghalhekk nulla;

2. Fit-tieni lok, l-appellanti ma setatx tigi akkuzata b' reat kontinwat kif fil-fatt giet akkuzata billi hija ma naqsitx milli thallas lil Massimo Rosa l-paga tieghu b' mod regolari u dan kif jikkontempla l-artikolu 47 (2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta biex ir-reat ikun jista' jitqies bhala wiehed kontinwat;

3. Fit-tielet lok, l-azzjoni kriminali hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 47 (1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu tirreferi ghal kull ammont relattiv ghal perjodu ta' aktar minn sena qabel in-notifika bil-kawza lill-appellanti;

4. Fir-raba' lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti ma setghu qatt jirnexxu ghaliex ma ingabux provi sal-grad rikjest mil-ligi biex tinstab htija. Ghal kuntrarju, irrizulta illi dak reklamat mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi f' isem Massimo Rosa kien infondat u ma kienx gustifikat.

**L-ewwel aggravju**

Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanti ssostni *in primis* illi d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020 li biha, b' referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma minnha, irriteniet hekk: "*Il-Qorti rat id-dati rilevanti. Tichad it-talba.*" ma hijiex valida bhala sentenza izda hija nulla. Dan qieghed jigi sollevat ghaliex ma kienx hemm "*talba*" izda "*eccezzjoni*" sollevata quddiemha u

ghalhekk ma kelliex "*tichad it-talba*" izda semmai "*tichad l-eccezzjoni*". Inoltre il-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kellu jinghata b' sentenza vera u proprja mhux b' verbal. Is-sentenza ancorche' fuq l-eccezzjoni preliminari jrid ikun fiha dawk il-formalitajiet sa fejn applikabbli kontemplati mill-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F' dan il-kaz, ma hemmx sentenza vera u proprja bil-formaltajiet rikjesti mil-ligi u ghalhekk id-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi dikjarata nulla;

**<u>It-tieni aggravju</u>**

L-appellanti giet akkuzata illi ma hallsitx *overtime* u paga fil-Hdud u Festi Pubblici ghal varji perjodi. Ghal finijiet ta' l-akkuza il-prosekuzzjoni ghazlet illi tqis dawn l-allegati reati bhala reat kontinwat kif tghid b' mod espress l-istess akkuza;

L-appellanti hija tal-fehma umli illi hija ma setghatx tigi akkuzata bil-finzjoni legali tar-reat kontinwat in vista ta' dak illi jghid l-artikolu 47 ( 2 ) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid meta reat taht il-ligi specjali ta' l-impjiegi jista' jitqies bhala reat kontinwat meta jghid hekk:

> *Fejn ir-reat jirreferi ghan-nuqqas mill-principal li jhallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jaghti vaganzi bi hlas kif mehtieg b' dan l-Att jew kif specifikat b' xi ordni ta' standard nazzjonali jew b' ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-principal jkun naqas li jhallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni.*

Dan ifisser illi biex ir-reat jista' jitqies bhala kontinwat il-principal ( min ihaddem ) jigifieri l-appellanti f' dan il-kaz trid tkun naqset illi thallas il-pagi dovuti lill-impjegat jigifieri lil Massimo Rosa regolarment. "*Paga*" hija definita fil-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta bhala "*rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat [...] relatati mal-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni*";

Huwa aktar milli evidenti u hekk irrizulta illi Massimo Rosa qatt ma lmenta li huwa ma kienx jithallas il-pagi regolarment. Ghal kuntrarju, gie anke ppruvat illi huwa dejjem thallas il-paga. Il-kwistjoni tirrigward biss hlas ta' overtime u hlas ta' paga fi Hdud u Festi Pubblici fil-perjodi varji indikati fic-citazzjoni. Ghalhekk, ladarba jirrizulta illi Massimo Rosa kien qieghed jithallas il-paga b' mod regolari, il-prosekuzzjoni ma setghet qatt takkuza lill-appellanti bir-reat kontinwat kif fil-fatt ghamlet. F' dan is-sens l-appellanti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-25 ta' Novembru, 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kenneth Formosa Ventura**;

Ladarba l-appellanti ma setghetx tigi akkuzata bir-reat kontinwat kull perjodu meta allegatament sehh reat irid jitqies ghalih u dan iwassal ghal kunsiderazzjoni importanti ta' preskrizzjoni illi hija l-mertu ta' l-aggravju illi jmiss;

**It-tielet aggravju**

It-tielet aggravju huwa fis-sens illi l-azzjoni kriminali hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 47 ( 1 ) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu tirreferi ghal kull ammont relattiv ghal perjodu ta' aktar minn sena qabel in-notifika bil-kawza lill-appellanti;

Fl-aggravju precedenti rajna illi l-appellanti ma setghetx tigi akkuzata bir-reat kontinwat billi hija jew ahjar il-kumpannija E' Casa Limited kienet thallas regolarment il-paga lil Massimo Rosa li kkwistinja maghha biss fuq ammonti ta' overtime u paga fi Hdud u Festi Pubblici li beda jghid li ghandu jithallas taghhom. Ghalhekk kull perjodu fejn allegatament sehh reat irid jitqies ghalih;

Ic-citazzjoni giet notifikata lill-appellanti fil-15 ta' Novembru, 2019 u dan kif jirrizulta mir-referta ezebita in atti. Skond l-artikolu 47 (1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali huwa ta' sena mill-ghemil tar-reat. Dan ifisser illi l-azzjoni kriminali ghal kwalunkwe reat illi l-appellanti setghet ghamlet taht il-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sat-18 ta' Novembru, 2018 (jigifieri sena qabel ma giet notifikata) hija preskritta. Bl-istess mod u ghall-istess raguni, kwalunkwe ammont illi

seta' kien dovut lil Massimo Rosa sat-18 ta' Novembru, 2018 jinstab preskritt. Hija ghalhekk l-umli sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-eccezzjoni taghha ta' preskrizzjoni ai termini ta' l-artikoli 47 (1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta kellha tintlaqa' b' referenza ghal perjodu sat- u ghal kwalunwke ammont reklamat sat-18 ta' Novembru, 2018;

Inoltre, fil-kontro ezami ta' Massimo Rosa hareg car illi f' perjodu partikolari kienu ittihdulu c-cwievet tal-ufficcju, liema cwievet ittiehdu specifikament biex Massimo Rosa ma jibqax jidhol xoghol fil-hinijiet mhux lavorattivi. Dawn ic-cwievet ittihdulu f' April 2018, u allura anke jekk din l-onorabbli Qorti jidrilha illi l-eccezzjonijiet imqajjma precedentement dwar reat kontinwat ma ghandhomx jintlaqghu, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni illi l-allegat reat waqaf f' April 2018, u ghaldaqstant it-talbiet huma preskritti

**<u>Ir-raba' aggravju</u>**

Ir-raba' aggravju huwa fil-mertu. Mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti sew mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-appellanti irrizulta dak hawn fuq espost bhala fatti. Massimo Rosa kien impjegat mal-kumpannija E' Casa Limited b' effett mis-7 ta' Awwissu, 2017 bhala *salesperson*. Il-kumpannija E' Casa Limited tbiegh l-ghamara minn hanut li jinstab l-Imriehel. Il-paga ta' Massimo Rosa kienet ta' elf Euro (€1,000 ) netti fix-xahar. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali kienu jithallsu mill-kumpannija E' Casa Limited oltre l-paga. Huwa kien jithallas ukoll kummissjoni ta' 1.5% netta fuq il-bejgh illi jirnexxilu jaghmel. Il-kumpannija E' Casa Limited kienet thallaslu l-akkomodazzjoni, l-utilitajiet inkluzi dawl, ilma, internet, liema spejjez kienu bla limitu u l-ispejjez biex imur Sqallija darba fix-xahar fejn il-familjari tieghu, u dan il-vjagg kien isir fil-granet lavorattivi minghajr ma jitnaqqsulu mil-granet ta' vakanzi tieghu. Il-hinijiet tax-xoghol tieghu kienu mit-Tnejn sal-Gimgha bejn id-9 a.m. u s-1 p.m. u s-2 p.m. u s-7 p.m. u s-Sibt mid-9 a.m. sas-1 p.m. Peress illi meta jkun Sqallija kien jahdem inqas minn erbghin (40 ) siegha fil-gimgha huwa kellu jahdem ftit aktar minn erbghin (40) siegha fil-gimgha meta jkun Malta. Huwa ma kienx jahdem l-Hadd u l-Festi

Pubblici. Huwa kellu c-cwievet tal-hanut u kien hemm istanza fejn il-kumpannija E' Casa Limited indunat illi huwa qieghed imur minghajr ma jghidilha u allura minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni taghha fil-hanut fil-Hdud u Festi Pubblici. Dan seta' johloq problemi anke mal-kumpannija assiguratrici tal-hanut. Kien ghalhekk illi l-kumpannija E' Casa Limited haditlu c-cwievet tal-hanut f' April, 2018. Huwa baqa' jinsisti li jrid ic-cwievet izda ma inghatawx lilu proprju minhabba dan l-abbuz da parti tieghu. Huwa imbaghad irrizenja minn mal-kumpannija E' Casa Limited f' Ottubru, 2018. Ftit wara li rrizenja minn mal-kumpannija huwa mar fil-hanut u holoq incident fejn talab li jerga' jigi ingaggat bhala manager jew inkella ser jippersegwixxi lill-imsemmija kumpannija bl-awtoritajiet governattivi. Huwa gie mitlub jallontana ruhu;

Zmien sew wara illi huwa rrizenja mill-impjieg tieghu mal-kumpannija E' Casa Limited huwa ressaq talba tramite d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi ghal hlas – mhux ta' paga – imma ta' allegat overtime u xoghol fil-Hdud u Festi Pubblici. Meta l-kumpannija E' Casa Limited irrespingiet it-talba ghal hlas bhala mhux gustifikata, id-Dipartiment beda dawn il-proceduri;

L-appellanti tibda l-ewwel u qabel kollox billi tfakkar illi hawn qeghdin fil-kamp penali u biex tinstab htija l-akkuza kif dedotta trid tigi ippruvata lil hemm minn kull dubju dettat mir-raguni. Fil-kaz odjern mhux biss hemm dubju dettat mir-raguni fir-rigward ta' l-akkuzi kif dedotti izda hemm provi li juru li tali akkuzi qatt ma kienu gutifikati u l-appellanti kellha tigi liberata minn kull addebitu mressaq fil-konfront taghha. L-appellanti tressaq is-segwenti ragunijiet ibbazati fuq il-provi u x-xhieda imressqa miz-zewg partijiet:

(a) Massimo Rosa jitlob il-hlas ta' paga ghal xoghol fi Hdud u Festi Pubblici, Matul il-gbir tal-provi irrizulta illi l-hanut ta' E' Casa Limited ma jiftahx fil-Hdud u l-Festi Pubblci. Irrizulta wkoll illi Massimo Rosa kien impjegat bhala *salesperson*. Anke s' hawn biss huwa bizzejjed biex jinsorgi dubju, dettat mir-raguni, illi ma jistax ikun illi Massimo Rosa kien qieghed jitlob il-hlas ta' paga meta l-hanut fejn jahdem bhala *salesperson* ikun maghluq. Però l-appellanti ma strahitx biss fuq dan id-dubju. Kemm

x' hin gie kontro-ezaminat Massimo Rosa kif ukoll x' hin xehdet l-appellanti irrizulta illi Massimo Rosa kien qieghed jidhol fil-hanut tal-kumpannija E' Casa Limited fil-Hdud u l-Festi Pubblici minn jeddu, minghajr ma ntalab jaghmel hekk u minghajr ma l-appellanti u l-kumpannija E' Casa Limited kienu jafu. Massimo Rosa ma kienx qieghed imur ghax-xoghol izda kien qieghed imur fuq il-post tax-xoghol minghajr l-ebda awtorità. Ironikament kien *salesperson* illi jmur fil-hanut ossija fil-post tax-xoghol meta jaf illi mhuwiex ser ibiegh. Malli l-kumpannija E' Casa Limited saret taf b' dak illi kien qieghed jaghmel Massimo Rosa hija qabdet u talbitu c-cwievet tal-hanut u dan f' April, 2018. Massimo Rosa kellu jirritorna c-cwievet tal-hanut lill-principal tieghu. F' dan l-istadju huwa ma talabx xi hlas ghal Hdud u Festi Pubblici li mbaghad wara fittex ghalihom lill-appellanti. Dan jitfa' dell fuq il-kreddibilità ta' Massimo Rosa. Kieku huwa tassew kien jahseb illi qieghed jahdem fil-Hdud u Festi Pubblici huwa kien jitlob il-hlas tal-paga li jallega illi hija dovuta lilu f' dak il-punt li ntalab lura c-cwievet mhux aktar minn sena wara u wara li rrizenja mill-post tax-xoghol;

(b) Fattur iehor li jnaqqas il-kredibilità ta' dak allegat minn Massimo Rosa huwa l-fatt illi ghalkemm fix-xhieda moghtija minnu in kontro-ezami bhax-xhieda moghtija mill-appellanti hemm qbil illi huwa intalab u kellu jaghti lura c-cwievet tal-hanut lill-kumpannija E' Casa Limited f' April, 2018 il-*claim* illi ghamel mad-Dipartiment ghal paga fil-Hdud u Festi Pubblici tmur oltre x-xahar ta' April, 2018 izda tibqa' sejra f' Mejju, Gunju, Lulju, Settembru u Ottubru, 2018. Massimo Rosa ma kellux cwievet ghaliex kif il-kumpannija E' Casa Limited saret taf illi qieghed jidhol fil-hanut meta l-hanut ma jkunx miftuh ghan-nies talbitu c-cwievet lura. Talbitu c-cwievet lura minhabba kwistjoni ta' sigurtà u ghal finijiet ta' assigurazzjoni mhux ghaliex kien qieghed jitlob xi hlas ghaliex bhala fatt ma talabx. Massimo Rosa ma jispjegax kif seta' kien qieghed jirreklama hlas ta' xoghol fil-Hdud u Festi Pubblici meta lanqas cwievet biex jidhol fil-hanut ma kellu, u meta l-hanut kien ikun maghluq u allura ma kellhu l-ebda access ahseb u ara kemm seta' jidhol ghax-xoghol. Huwa evidenti illi Massimo Rosa ma huwa xejn kredibbli fil-*claim* imressqa minnu;

(c) Il-hinijiet illi fquqhm hija bbazata l-*claim* ta' Massimo Rosa gew ipprezentati f' tabella li tinstab in atti. Apparti li l-hinijiet mhumhiex cari tant li lanqas biss jindikaw ghal liema sena qed jirreferu, u fihom hemm referenza ghal xhur meta Massimo Rosa lanqas biss kien ghadu jahdem mal-kumpanija E' Casa Limited. Mistoqsi dwarha in kontro-ezami huwa però ammetta illi l-hinijiet huwa approssimattivi u mhux precizi. Dawn il-hinijiet saru minnu unilateralment u bbazati fuq dak li kien jiftakar wara li telaq mix-xoghol, cioe sentejn wara, u minghajr l-intervent ta' hadd da parti tal-kumpannija E' Casa Limited. Huwa evidenti illi fil-kamp kriminali ma tistax tinstab htija fuq approssimazzjoni maghmula unilaterlament kif sar fil-kaz odjern, fil-fatt lanqas indikazzjoni tal-hinijiet li qed jintalab hlas ghalihom ma hemm, imma hemm biss total ta' sieghat. Meta Massimo Rosa in contro esami gie mistoqsi kif inhadmu dawn is-sieghat, b' mod skjett irrisponda li dawn inhadmu minn mohhu u lanqas biss naqqas hinijiet li irrapporta ghax-xoghol tard jew meta kien jitlaq minn fuq ix-xoghol biex jaghmel xi qadja peress illi din l-informazzjoni ma setax jiftakarha. Allura wiehed jistaqsi kif seta' jiftakar is-sighat bl-ezatt ta' x' kien hadem f' kull gurnata Massimo Rosa? L-oneru tal-prova huwa dak ta' lil hemm minn kull dubju ragjonevoli u mhux dak fuq approssimazzjoni maghmula mill-parte civile. Il-prosekuzzjoni ghazlet illi tixli lill-appellanti b' perjodi u b' ammonti specifici u ladarba ghazlet illi tohrog dawn l-akkuzi b' dan il-mod hija kellha l-oneru illi tipprova l-istess lil hemm minn kull dubju dettat mir-raguni, haga li ma ghamlitx billi l-parte civile stess ammetta illi l-hinijiet mhumiex precizi izda approssimattivi u minn dak li seta' jiftakar wara li ma baqax jahdem mal-kumpanija;

(d) Imbaghad fir-rigward ta' l-*overtime* allegatament mahdum minn Massimo Rosa filwaqt illi anke hawn is-sighat indikati minnu huma milquta mill-approssimazzjoni u nuqqas ta' precizjoni illi huwa stess ammetta, stante li lanqas hemm indikazzjoni ezatta fuq il-hinijiet li hadem, l-imsemmi Massimo Rosa lanqas ha in kunsiderazzjoni (kif ammess minnu stess matul il-kontro-ezami tieghu) il-fatt illi fil-gimghat illi huwa kien imur Sqallija jara lill-familjari tieghu kien jahdem inqas minn erbghin (40) siegha fil-gimgha li ghalihom imbaghad kien ipatti fil-gimghat ta' wara. Dan certament ma

jwassalx ghal sitwazzjoni fejn Massimo Rosa ghandu jithallas ta' xi overtime billi lanqas gie ippruvat li kien jahdem *overtime*;

(e) Fattur iehor li jindika, kemm it-talbiet ta' Massimo Rosa huma bbazati fuq il-gideb hija illi fit-tabella fejn qed jindika s-sieghat li hadem hemm imnizzel numru ta' hdud u festi pubblici meta kien fizikament impossibbli li Massimo Rosa jaccedi ghall-post tax-xoghol minhabba li dan ma kellux cavetta u allura dan ma setax jiddikjara li hadem f' dawk il-granet,

(f) Fatt iehor illi juri kemm il-*claim* ta' Massimo Rosa hija wahda bla bazi gejja mill-fatt innifsu illi matul l-impjieg tieghu huwa qatt ma lmenta illi ma kienx qieghed jithallas ta' xi *overtime* jew ta' xi xoghol fil-Hdud u Festi Pubblici u kien biss zmien relattivament twil wara illi rrizenja illi ressaq tali pretensjoni. Nel frattemp huwa kien talab illi jerga' jigi impjegat mal-kumpannija E' Casa Limited fil-kariga ta' M*anager* u wara illi ma giex accettat ghamel it-theddida illi ser johloq l-inkwiet lill-kumpannija b' persekuzzjoni min-naha tad-Dipartiment. Din l-imgieba tnaqqas iktar u iktar il-kreddibilità ta' Massimo Rosa li ma jistax jitwemmen li ma kienx qieghed jithallas – kif minnu allegat – meta wara li rrizenja rega' fittex impjieg mal-kumpannija E' Casa Limited. Kieku tassew kien dovut xi hlas, kien jitolbu fiz-zmien u fil-pront u ma kienx jerga' jfittex impjieg mal-kumpannija imsemmija. Dan il-fatt, Massimo Rosa kkonfermah hu stess in *contro esami* fejn ikkonferma illi fl-ebda mument qatt ma talab xi hlas ta' *overtime* tul it-terminu tal-impjieg tieghu;

Huwa ghalhekk evidenti illi l-prosekuzzjoni ma ippruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u l-appellanti kellha tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija. F' kull kaz, fix-xhieda taghha quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti irribattiet il-pretensjonijiet kollha ta' Massimo Rosa u spjegat bil-fatti ghaliex huwa m' ghandux ragun. Ghalhekk anke in vista tal-fatt illi kien hemm kunflitt fil-provi u li l-verzjoni moghtija mill-appellanti hija dik veritiera u fededenja l-appellanti kellha tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija;

**Ikkunsidrat**

Illi **fl-ewwel aggravju** taghha l-appellanti tghid illi kif iddecidiet l-ewwel Qorti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jwassal ghal nullita' u dan stante li d-decizjoni tal-Qorti kellha tinghata b'sentenza propja u mhux b'verbal. Din il-Qorti taghmel referenza ghal fol. 4 tal-process datat 21 ta' Jannar, 2020 fejn gie ritenut hekk:

*' ...Inqrat l-akkuza bil-gurament*
*Id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni*
*Il-Prosekuzzjoni esebiet riferta*
*Il-Qorti rat id-dati rilevanti.*
*Tichad it-talba..'*

F'dan il-punt, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 376 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi is-segwenti:

*'376. (1) Il-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur iniżżel-*

*(a) kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta' inammissibbiltà jew **estinzjoni ta' azzjoni**, jew ta' inammissibbiltà ta' prova **kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova**, u*

*(b) is-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu talkawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba*

*(2) In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.*

***(3) In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jagħmilx null il-proċediment; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ixxhieda li jkunu ġa nsemgħu.***

Ghaldaqstant l-ewwel Qorti aderixxiet ruhha mal-ligi u mxiet ma' dak stipulat fl-Artikolu 376 sucitat meta pprovdiet li kienet qedgha tichad it-talba fil-verbal a fol. 4 tal-process. Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**Fit-tieni aggravju** l-appellanti qedgha ssostni illi hija ma setghetx tigi akkuzata b'reat kontinwat u dan stante dak li jipprovdi l-**artikolu 47(2) tal-Kap. 452** tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistipula hekk:

*'47. (1) Proċedimenti għal reat skont dan l-Att jew skont xi regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħtu jistgħu jinbdew f'kull żmien fi żmien sena mill-għemil tar-reat.*

*(2) Fejn ir-reat jirreferi għan-nuqqas mill-prinċipal li jħallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif meħtieġ b'dan l-Att jew kif speċifikat b'xi ordni ta' standard nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur,* ***ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-prinċipal jkun naqas li jħallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni.'***

**Artikolu 2 tal-Kap. 452** jipprovdi definizzjoni ghall-kelma 'paga' u li tghid hekk:

> *'"paga" tfisser* ***rimunerazzjoni jew qligħ****, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u* ***tinkludi*** *kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;'*

Din il-Qorti tinnota illi d-definizzjoni tal-kelma *'paga'* hija wahda inklussiva u mhux esklussiva u ghalhekk mhux limitata ghall-ezempji mnizzla fid-definizzjoni nnifisha. Il-kelma *'tinkludi'* turi b'car illi l-intenzjoni tal-legislatur ma kinitx li jkun hemm definizjoni ezawrenti. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fhema illi l-hlas ta' *overtime* u hlas ta' paga fi Hdud u festi pubblici ukoll jaqghu taht id-definizzjoni tal-kelma *'paga'* hekk kif insibuha taht l-Artikolu 2 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk isegwi illi r-reat jitqies li hu reat kontinwat u dan ghaliex il-principal allegatament naqset li tħallas il-pagi dovuti lil parti leza regolarment matul il-perjodu kollu tal-impjieg tieghu u cioe' mis-7 t' Awwissu 2017 u t-30 ta' Novembru, 2018.

L-appellanti ghamlet refrenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Formosa Ventura**[1] fejn l-ewwel Qorti kienet iddecidiet illi minkejja li l-akkuzat kien naqas li jhallas xi sahra u festi pubblici, dan tal-ahhar xorta wahda baqa' jhallas il-pagi fix-xahar tal-impjegati b'mod regolari u ghalhekk l-allegat reat ma kellux jitqies bhala wiehed kontinwat skond l-Artikolu 47(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti, b'kull dovut rispett ma taqbilx ma din il-konkluzjoni u dan stante dak kollu ritenut *supra*. Ghaldaqstant, din il-Qorti qedgha tichad it-tieni aggravju tal-appellanti.

**It-tielet aggravju** tal-appellanti huwa konness mat-tieni aggravju fejn din tal-ahhar hija bbazata fuq il-fatt li stante li hi ma setghetx tigi akkuzata bir-reat kontinwat allura kull perjodu fejn allegatament sehh reat irid jitqies ghalih. Stante li din il-Qorti ma laqghetx it-tieni aggravju, ma tistax taqbel ma dak eccepit mill-appellanti fit-tielet aggravju taghha. La darba r-reat jitqies wiehed kontinwat, jghodd l-artikolu 691(1) tal-

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-25 ta' Novembru, 2008.

Kodici Kriminali li jghid illi "*għar-reati kontinwati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir* ***l-aħħar ksur tal-liġi***". Fil-kaz tal-lum, iz-zmien beda jghaddi mis-7 t' Awwissu, 2017 sat-30 ta' Novembru, 2018. Skond ir-riferta esebita a fol. 5 tal-process, l-appellanti giet notifikata bil-komparixxi nhar il-15 ta' Novembru, 2019, u għalhekk stante iz-zmien ta' sena ta' preskrizzjoni ma kienx ghadu ghadda, it-tielet aggravju rigwardanti l-preskrizzjoni wkoll qieghed jigi michud.

**Ir-raba' aggravju** tal-appellanti jirrigwardja l-mertu u l-apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[2] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-

[2] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[3]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[4]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[8]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] 1969] 1 QB 276.
[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[9] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Bhala norma, din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Madankollu, f'dan il-kaz il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma x-xhieda hi u dan stante l-fatt li ma gietx irrekordjata x-xhieda quddiem l-ewwel Qorti u ma kienx hemm *transcripts* fl-atti.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[10] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[11]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et.,** deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzata mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzata biss, li hi l-hatja u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza taghha.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kienet l-appellanti biss li ghamlet dak li giet akkuzata bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-appellanta b'mod univoku bir-reati addebitati lila.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[12] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[13] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [14] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[13] 1997 Edition Para 10-3.
[14] 1952.

*that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[15]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[16] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.
[16] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[17] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet.

**Omar Grech**[18] xehed nhar il-5 ta' Jannar, 2023 fejn qal li jahdem mad-Dipartiment *for Industrial and Employment Relations DIER* u jokkupa l-pozizzjoni ta' *Manager II*. Spjega illi nfetah kaz mad-dipartiment minn Massimo Rosa fil-15 ta' Frar, 2019 fejn dan allega illi kien qed jahdem il-fuq minn erbghin (40) siegha, qatt ma gie pprovdut kuntratt tax-xoghol u qatt ma gie mhallas b'mod korrett tal-*overtime*. Rosa pprovda xi *time sheets, payslips* u *bank transfers.* A bazi ta' dak pprovdut id-DIER hadem il-*claim* u s-Sur Rosa qabel maghha u li tammonta ghal €5,346.03. Huwa qal li l-*employer* hija E Casa/Lillian Borg u li permezz tal-avukat taghha nhar id-29 t' Awwissu, 2019 tenniet illi dawn kellhom kuntratt li kien ikopri bosta affarijiet, fosthom akkomodazzjoni, u

[17] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[18] Fol. 115 et seq tal-process.

*internet*. Hu zied jghid illi dawn ghalihom bhala dipartiment lanqas huma parti mill-*employment relationship.* Gie allegat ukoll illi kien hemm *banking scheme* skond l-Artikolu 5(h) tal-*Overtime Regulations*, madankollu qatt ma kien hemm permess mid-DIER dwar dan. Hu spjega illi *banking permit* huwa sistema fejn il-perjodu ta' zmien, impjegat jahdem *overtime* u flok jithallas taghhom, jkunu qed jintefghu sieghat go karus biex eventwalment jigu wzati f'perjodi fejn ezempju jsiefer, imma tkun qed tigi *banked* 1:1:1 mhux bhat-*time-off in lieu* li jigi *banked* at 1:1:5. Dan jigi 1:1. Sabiex dan isir hemm bzonn ta' permess u tigi vvetjata s-sistema li tigi proposta sabiex tkun tajba u konformi mal-ligijiet, infatti hu jzid jghid illi s-sistema mplimentata ma kinitx tigi accettata min-naha tad-dipartiment. Ir-raguni hi ghaliex il-ligi stess tipprovdi illi wiehed jista' jahdem tmienja u erbghin (48) siegha bl-*overtime*. Hu qal illi l-avukat kienet qalet li l-parti leza kien jahdem disgha u erbghin (49) siegha. Zied jghid ukoll illi l-*banking* huwa biss applikabbli fuq l-*overtime* u mhux fuq *public holiday entitlements.* Sostna illi ghalhekk il-claim taghhom qed tirrizulta f'dak l-ammont ghaliex fl-opinjoni tad-dipartiment, hemm nuqqas kbira t' informazzjoni min-naha ta' min ihaddem. Bhala stat ta' fatt hu kkonferma li qatt ma gie mitlub sabiex ikun hemm *banking permit* u ma kienx hemm kuntratt li jaghmel referenza ghal dan ghaliex l-impjegat qatt ma gie moghti kuntratt. Huwa spjega dwar id-dokumenti minnu pprezentati quddiem l-ewwel Qorti. Jghid li t-*time-sheets* kien ghaddihom lid-Dipartiment Massimo Rosa.

**Quentin Tanti**[19] xehed nhar is-27 ta' Jannar 2023 fejn qal li kien qieghed jixhed in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan il-*Malta Buisness Registry* ghar-rigward tas-socjeta' Ecasa Ltd C-46573. Hu kkonferma illi l-appellanti kienet direttrici u *legal representative* ta' din il-kumpanija minn 2017 sa dakinhar li hu xehed. Fil-31 ta' Jannar, 2019 Borg giet appuntata bhala segretarja u kienet ghadha qed tokkupa din il-pozizzjoni sa dakinhar li hu xehed.

**Massimo Rosa**[20] xehed nhar is-27 ta' Jannar 2023 fejn hu kkonferma illi hadem bhala *salesman* tal-ghamara minn Awwissu 2017 sa 2018. Spjega li kellu salarju u *commission*.

---

[19] Fol. 151 et seq tal-process.
[20] Fol. 154 et seq tal-process.

Kien jithallas fix-xahar u kien hadem xi sieghat li ma kienx thallas ghalihom. Hu kuljum kien jikteb kemm kien qed jaghmel xoghol u kellu djarju fejn kien inizzel is-sieghat kollha li hu hadem. Muri d-dokumenti minn fol 13 il-quddiem hu jahseb li ghadda dawn id-dokumenti lid-Dipartiment tax-Xoghol. Spjega li kien jircievi dawn il-karti kull xahar mal-paga. Muri minn fol. 70 l-quddiem, hu jghid li dawn kienu s-sieghat kollha li hu kien hadem. Hu kien jibda jahdem ghall-habta tad-9 u kellu jispicca ghall-habta tas-7, pero' generalment kien jispicca aktar tard. Kien jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha, kif ukoll is-Sibt. Hu qal li qatt ma ffirma kuntratt tax-xoghol u rigward l-*overtime* ma kien hemm xejn stabbilit. Hu dejjem ircieva l-istess ammont ta' flus. L-ammonti li hemm indikati fid-dokumenti in atti baqa' ma thallasx taghhom. Ikkonferma li kien jaqla' elf euro (€1,000) fix-xahar u *commission*. Ikkonferma wkoll li kienet tghaddilu xi flus tal-akkomodazzjoni. Hu kien iddecieda li jitlaq minn appartament u l-appellanti bdiet tghaddilu mija u ghoxrin euro (€120) fix-xahar. Hu jghid li qatt ma ntalab ihallas percentwali. Sakemm baqa' mal-kumpanija ma hallas xejn minn butu, izda wara meta mar jghix go post iehor kienet ittih mija u ghoxrin euro (€120) fix-xahar. Kompla jghid li dawl u ilma kienet thallas l-appellanti u l-gas kien ihallsu hu. Hu kien imur Sqallija minn tal-inqas darba fix-xahar, kienet thallas il-kumpanija u kien imur *weekend* jew tlett (3) ijiem jew erbgha (4). Jghid li hu gieli gie lura t-Tnejn u gieli t-Tlieta. Mistoqsi dawn il-granet kienux jitnaqqsu mil-*leave*, hu wiegeb illi parti kienu mill-*holidays* u parti mix-xoghol *extra* li kien jaghmel. Mistoqsi l-kumpanija kinitx tiftah fil-festi, hu qal li narament kienet tiftah il-Hadd u bhala procedura s-soltu kienet tkun maghluqa. Hu jghid li jinsab cert mill-hinijiet li nizzel fil-lista tieghu. Hu jghid ukoll li naqqas il-hinijiet meta hu kien Sqallija ghax mhux gust la ma hadimhomx. Hu kkalkula wkoll meta kien jasal tard jew imur xi qadja. Mistoqsi allura ghaliex hemm dejjem hinijiet fissi hu spjega ghaliex jekk per ezempju kien jasal fid-9:30 u mbaghad jitlaq fis-7:30, allura n-nofs siegha zejda li kien jasal mbaghad kien jaghmilha wara. Hu jghid li mieghu gieli kien ikun hemm kollega u gieli kien wahdu wkoll. Jghid li fil-bidu kienu tlett (3) *salesmen*. Kien hemm xi granet li anke qaghdu l-ohrajn wara l-hin. Jghid li generalment kienu jkunu hu u persuna ohra li kienet tghix mieghu u kienet toqghod tistennih. L-ohrajn ma kellhomx x'jaqsmu u hu ma kellux kontroll fuqhom. Hu jghid li meta l-appellanti talbitu c-

cavetta, hu tahila lura. Mistoqsi  jekk wara li kien ghaddilha c-cavetta baqax jahdem tard, wiegeb li iva kien hemm granet li hadem tard ukoll u kien jaghlaq il-manager jew nies ohrajn. Jghid li l-ewwel kien joqghod wahdu u gieli kien ikun hemm kollega tieghu wkoll bl-isem ta' Marlene Delicato. Hu jghid li qatt ma saqsa ghall-overtime ghaliex ma ndunax li kellu jaghmel hekk. Suggerit lilu mid-difiza li l-pakkett tieghu kien illi jithallas elf euro (€1000) netti f'idejh u jekk jiddeciedi li joqghod daqsxejn zghira wara l-hin, dawk jirriflettu fil-commission, hu wiegeb li ma jiftakarx li kien hemm dan l-arrangament. Hu spjega illi kien idum hemmhekk ghaliex kellu x-xoghol x'jaghmel. Hu ma jiftakarx b'mod specifiku illi kellu jibqa' wara l-hin pero' jekk kien hemm x-xoghol, naturalment kellu jlestih. Meta mqabbel ma' salesmen ohra hu spjega illi gieli biegh inqas u gieli biegh iktar. Mistoqsi jekk id-differenza kinitx wahda drastika, hu wiegeb li ma jafx u ma kienx joqghod jaghti kaz x'bieghu l-ohrajn. Mistoqsi ghaliex irrezenja mix-xoghol hu wiegeb li ghax kien ghajjien u ma felahx iktar. Mistoqsi jekk marx ikellimhom wara li rrizenja hu wiegeb illi le u mar jahdem f'postijiet ohra. Hu kien mar l-ufficju sabiex ikellimhom izda mhux biex jahdem. Suggerit li hu mar jheddidhom sabiex ituh *promotion* ta' *manager* inkella kien ser jara x'jaghmel sabiex isallabhom hu nnega dan u qal li ma kienx minnu. Hu tenna li hu cert minn dawk il-hinijiet li huma ndikati fid-dokument.

**Louis Buhagiar**[21] xehed nhar is-27 ta' Jannar, 2023 fejn qal li kien gie mitlub sabiex jipprezenta l-Jobsplus Employment History tas-Sur Massimo Rosa u esebih bhala Dok JB. Is-Sur Buhagiar rega' xehed nhar it-28 ta' Frar, 2023 fejn qal li ma jidhirlux li kien prezenti waqt it-testimonjanza tas-Sur Rosa quddiem l-ewwel Qorti.

**Liliana Borg** xehdet nhar l-20 t' April, 2023, fejn qalet li s-Sur Rosa beda jahdem maghha mis-7 t' Awwissu, 2017 sa Novembru, 2018 bhala *sales representative*. Tghid li Rosa kellu ftehim li jidhol u johrog x'hin irid. Huma kienu jifthu mid-9.00am sas-1.00pm u mis-2.00pm sas-7.00pm mit-Tnejn sal-Gimgha u s-Sibt mid-9.00am sas-1.00pm. imma hu kien jaghmel il-hinijiet tieghu ghaliex l-appuntamenti kien jaghmilhom hu. Huma kienu fthemu ma' Rosa li jidhol bhala *sales person*, ikollu elf

[21] Fol. 186 et seq tal-process.

euro (€1000) fix-xahar f'idejh, ihallsulu t-taxxa u l-bolla u jiehu 1.5% *commission* fuq il-bejgh kollu bit-taxxa imnaqqsa wkoll. Kienet ittih appartament bid-dawl u l-ilma mhallas u darba fix-xahar imur jara l-familja l-Italja u thallaslu l-katamaran. Hu kien per ezempju ma jihux darba off fil-gimgha mbaghad jitlaq il-Gimgha jew filghodu jew filghaxija, u jirritorna t-Tnejn, it-Tlieta u anke' l-Erbgha. Il-granet li kien imur Sqallija qatt ma naqqsitomlu mil-*leave.* L-appartament ikkonfermat li kienet thallsu hi u meta telaq minn hemm ghaliex kellu xi jghid ma' xi kollega tieghu, hi taghtu pro rata sabiex ihallas l-iehor. Id-dawl u l-ilma ukoll kienet thallashom il-kumpanija. Hi tghid li l-kumpanija taghhom qatt ma tiftah Hdud u festi. Huma qatt ma talbuh jidhol hinijiet zejda u hu qatt ma talabhom lanqas. Il-ftehim minn dejjem kien li jqassam il-hinijiet kif ried hu. Rosa kellu cavetta u dan kien joqghod vicin s-*showroom* u anke kien juza l-internet hemmhekk imma c-cavetta qatt ma kienet biex jidhol ghax-xoghol f'hinijiet meta jkunu maghluqin. F'April hi kienet indunat li kien qed imur hemmhekk u joqghod jaghmel certu affarijiet u ma kellux ghalfejn ikun hemmhekku allura talbitu c-cavetta. Hu ma riedx itijielha u damet tigri warajh u tajielha wara xaharejn. Rosa qatt ma saqsiha sabiex joqghod *overtime* jew sabiex thallsu tal-*overtime*. F'April hi kienet dahhlet Manager u Rosa ma riedx li jkun hemm xi hadd jikkontrolla u beda jkun hemm hafna battibekki. Rosa kien mar ghandha u heddida sabiex taghmlu manager u kienet qaltlu le ghax mhux kwalifikat u wara certu zmien rega mar u kien qalilha li kien ser jitlaq u qalilha jekk m'intx ser ittini dik il-pozizzjoni ser ingibek f'*trouble*. Hi kienet qaltlu sabiex jitlaq u jekk dak iggiblu l-pulizija. Qalet illi meta xehed l-ewwel darba Rosa kien qal li l-hinijiet qal li kienu *average* tefahom hu ghaliex hu ma kienx jippancja, u din id-darba qal li kellu kollox miktub fuq djarju madankollu dan id-djarju qatt ma rawh. B'referenza ghal fol. 45 hi tghid li Massimo telaq nhar lejliet il-Milied u gie lura nhar il-15 ta' Jannar. B'referenza ghal fol. 73 fejn hemm immarkat bejn l-24 ta' Dicembru u 15 ta' Jannar hi tghid li ma jistax ikun ghaliex Rosa ma kienx hawn u nizzilhom bhala sieghat li hadem. B'referenza bejn l-1 u l-11 ta' Gunju hi tghid li ma jistax ikun li ma kienx hawn ghaxart ijiem u fin-nofs dahal hames sieghat. Rosa ma kienx jaghmel xi hafna sales u l-kollegi tieghu dejjem normali hadmu. L-ordnijiet jaghmluhom quddiem il-klijenti, jaghlqu u jitilqu 'l hemm. Hadd qatt ma talabha *overtime*, ghaliex huma jaghmlu l-hinijiet taghhom u jekk m'ghandhomx hin ma

jaghmlux klijent gdid. In kontro-ezami tghid li ma kellhomx kuntratt bil-miktub. Tghid li ma kellhomx hin fuq l-*overtime* u dan ghaliex hu kellu paga ta' elf ewro fix-xahar u jqassam il-hin kif ried hu, f'total t'erbghin siegha fil-gimgha. Mistoqsija x'kontroll hija ghandha fuq il-haddiema hi tghid li taghmel roster fil-gimgha u min jiehu off darba fil-gimgha jew min ma jiehu xejn mbaghad johodhom fl-ahhar tax-xahar. L-impjegati jaraw li jahdmu erbghin (40) siegha fil-gimgha izda overtime trid tawtorizzah hi u qatt ma staqsewha ghal dan. Tghid li mis-*sales department* hadd ma jaghmel *overtime.*

Din il-Qorti sabiex tkompli ma dak li diga' qalet iktar kmieni f'din is-sentenza tghid illi l-grad tal-prova li mistennija tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik ta'lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Min-naha l-ohra, l-akkuzata m'hi mistennija tressaq l-ebda prova, izda jekk tiddeciedi li tressaq xi prova il-grad li trid tilhaq l-akkuzata hija dik tal-probabbli. Illi mhux l-ewwel darba li din il-Qorti kellha c-cans tiddeskrivi u tispjega l-grad tal-prova tal-probbabilta' u li tfissirha bil-kelmiet '**<u>x'aktarx aktar iva milli le</u>**'. Dak huwa fil-Ligi l-probabbli. Dan hu il-livell li trid tilhaq id-difiza u cioe' hu probabbli li l-appellant ma kienx jahdem il-Hdud u festi kif ukoll *overtime*? L-appellanti tkun lahqet il-livell tal-probabbli meta wara li tifli u tixtarr il-provi, il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li x'aktarx iva milli le, hekk graw l-affarijiet. Jekk il-prosekuzzjoni tilhaq il-livell tal-probabbli mhux bizzejjed, izda huwa bizzejjed meta d-difiza tilhaq dan il-grad. Jekk aktarx iva milli le l-affarijiet graw kif qalet l-appellanti, allura jezisti d-dubju dettat mir-raguni u dan ifisser li d-difiza tkun lahqet il-livell ta' prova taghha biex ixekkel il-kaz tal-prosekuzzjoni.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

Jigi nnutat illi a fol. 67 et seq tal-process, tinsab ittra miktuba mill-avukat tad-difiza u li din kienet giet miktuba '*Bla Pregudizzju*', madankollu hadd mill-partijiet ma kkontesta l-ammissibilta' taghha u ghaldaqstant din ghandha tibqa' in atti u titqies bhala kwalunkwe bicca t'evidenza ohra.

Din il-Qorti fliet l-atti kollha, inkluz id-dokumenti esebiti quddiem l-ewwel Qorti u x-xhieda li ddeponew quddiem din l-istess Qorti. In oltre, il-Qorti tixtieq ticcara illi hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u ghalhekk hija ser tkun qed tippronunzja ruhha biss fuq l-aggravji mressqa mill-appellanti. A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti sejra tislet partijiet fejn fil-fhema taghha jirrizultaw diskrepanzi mix-xhieda tal-istess Massimo Rosa. Filwaqt illi meta mistoqsi kienux jifthu fil-festi, hu wiegeb illi rarament kienu jifthu l-Hadd. Din il-Qorti tinnotta illi minkejja dan, hu nizzel li hadem il-Hadd ghal iktar minn hames darbiet u dawn li ma jinkluduwx il-festi. Sahansitra hu mmarka granet li hadem bhala sieghat imma fl-istess hin, permezz ta' biljett tal-katamaran, irrizulta li ma kienx Malta! Ghaldaqstant, din il-Qorti temmen illi l-appellanti permezz tax-xhieda taghha rnexillia tipprova fuq il-livell tal-probabbli, u cioe' x'aktarx iva milli le, li Massimo Rosa ma kienx jahdem Hdud u festi.

Fir-rigward tal-*overtime* ghalkemm huwa probabbli li Rosa vera gieli kien jibqa' fil-hanut sabiex jaghmel uzu mill-internet, l-appellanti fix-xhieda taghha tghid li huma kienu jifthu mid-9.00am sas-1.00pm u mis-2.00pm sas-7.00pm mit-Tnejn sal-Gimgha u mid-9.00am sas-1.00pm kull nhar ta' Sibt. Ghaldaqstant, anke kif ikkonfermat a fol. 67 tal-process, Rosa kien jahdem disgha u erbghin (49) siegha fil-gimgha. Minkejja, li l-appellanti xehedet illi gili Rosa ma kienx jiehu '*off*' sabiex imbghad isiefer fl-ahhar tax-xahar, kif ikkonfermat mix-xhud Omar Grech ma kinitx tezisti *baking scheme* skond il-ligi. Oltre minn hekk, l-appellanti stess quddiem din il-Qorti qalet li ma kellhomx ftehim rigward l-*overtime*. Ghalhekk kull fejn Rosa hadem aktar minn erbghin (40) siegha ghandu jigi kkumpensat ghalihom bhala *overtime* skond il-ligi.

In vista tas-suespost, din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel tlett aggravji tal-appellanti, qeghda tilqa' *in parte* r-raba' aggravju tal-appellanti Liliana Borg fejn filwaqt li tirrevoka l-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn ordnat il-hlas mill-appellanti lejn Rosa ghall-hdud u festi, tikkonfermaha fil-kaz ta'*overtime* fejn Rosa acceda l-erbghin (40) siegha fil-gimgha. Tikkonfermaha wkoll l-ammont ta' penali mposta mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti qieghda tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' sabiex jergghu jikwantifikaw dak dovut lil Massimo Rosa kif gia nghad ghal dak li jirrigwarda *overtime* mhux imhallas ghal perjodu bejn is-7 t'Awwissu 2017 u t-30 ta' Novembru 2018. L-appellanti jkollha ghaxart' ijiem cans minn meta tigi notifikata bil-kwantifikazzjoni maghmulha mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' sabiex jaffetwaw il-hlas lil Massimo Rosa.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**